Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*10 ta' April, 2010*

47/2010

**ATTI VANDALI FUQ BILLBOARDS**

Matul l-iljieli li għaddew saru atti vandali fuq uħud mill-billboards li ttellgħu bi tħejjija għaż-żjara f'Malta tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI. Jidher li dawn l-atti vandali twettqu minn xi elementi li għar-raġunijiet tagħhom iddeċidew li huma f'pożizzjoni li jiġġudikaw.

Dan l-aġir anonimu ma jirrispettax la s-sentiment tal-poplu u lanqas id-dritt tal-propjeta' ta' ħaddiehor, jiġifieri ta' min tella dawn il-billboards informattivi bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet ċivili.

Il-Knisja tfakkar li filwaqt li t-tħejjijiet materjali kollha huma meħtiega biex nilqgħu kif jixraq lill-Papa, għalina l-Insara Maltin il-prijorita' ta din iż-żjara pastorali hi l-ġid spiritwali li żgur ser joħroġ minnha.